

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Sistemi Ġudizzjarji Nazzjonali](#) > Luxembourg

## Sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn  
Lussemburgu

Lussemburgu



Din it-taqsimha tippreżenta ħarsa ġenerali lejha l-organizzazzjoni tal-qrati fil-Lussemburgu.

### L-organizzazzjoni tal-ġustizzja – is-sistemi ġudizzjarji

Is-sistema ġudizzjarja tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu hija maqsuma f'fergħa ġudizzjarja u f'fergħa amministrattiva. Minbarra dawn iż-żewġ fergħat, hemm ukoll il-Qorti Kostituzzjonali (*Cour constitutionnelle*).

#### Il-qrati ordinarji

Il-Kostituzzjoni tirrikjedi li l-qrati jeżerċitaw setgħa ġudizzjarja u li japplikaw regolamenti u ordnijiet ġenerali u lokali biss sa fejn dawn ikunu konformi mal-liġi.

##### 1. Il-qrati ordinarji

- Il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja

Fil-quċċata tal-ġerarkija tal-qrati fis-sistema ġudizzjarja tinsab il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja (*Cour supérieure de Justice*), li tinkludi Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de Cassation*) u Qorti tal-Appell (*Cour d'Appel*), kif ukoll Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (*Parquet Général*). Din tinsab fil-Lussemburgu.

- Il-qrati distrettwali

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa maqsum f'żewġ distretti ġudizzjarji (*arrondissements judiciaires*), u kull wieħed għandu Qorti Distrettwali (*Tribunal d'Arrondissement*): waħda fil-Lussemburgu u l-oħra f'Diekirch.

- Il-Kummissarji tal-Ġustizzja

Hemm tliet qrati tal-kummissarji tal-ġustizzja (*justices de paix*), waħda fil-Lussemburgu, waħda f'Esch-sur-Alzette (li tinsab fid-distrett ġudizzjarju tal-Lussemburgu), u waħda f'Diekirch (id-distrett ġudizzjarju ta' Diekirch).

##### 2. Qrati speċjalizzati

- Il-Kunsill Superjuri tas-Sigurtà Soċjali

Il-Kunsill Superjuri tas-Sigurtà Soċjali (*Conseil supérieur de la sécurité sociale*) huwa magħmul minn president, żewġ imħallfin assoċjati, assessur li jirrappreżenta lill-impjegaturi u assessur li jirrappreżenta lill-impjegati.

- Il-Kunsill Arbitrali tas-Sigurtà Soċjali

Il-Kunsill Arbitrali tas-Sigurtà Soċjali (*Conseil arbitral de la sécurité sociale*) huwa magħmul minn president, assessur li jirrappreżenta lill-impjegaturi u assessur li jirrappreżenta lill-impjegati.

## Il-qrati fi ħdan il-fergħa amministrattiva

- Il-Qorti Amministrattiva

Il-Qorti Amministrattiva (*Cour administrative*) hija magħmula minn diviżjoni waħda ta' tliet imħallfin.

- It-Tribunal Amministrattiv tal-Prim'Istanza

It-Tribunal Amministrattiv tal-Prim'Istanza (*Tribunal administratif*) huwa magħmul minn erba' diviżjonijiet ta' tliet imħallfin.

## Bażijiet tad-*data* legali

Informazzjoni dwar il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-professjonijiet legali, il-leġiżlazzjoni, il-qrati, il-ħabsijiet, is-servizzi taċ-ċittadini, il-formoli u l-aħbarijiet hija disponibbli fis-sit web tal-[Ministeru għall-Ġustizzja](#).

## L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess għall-bażijiet tad-*data* huwa mingħajr ħlas.

### Ħoloq relatati

[Legilux](#)

[Il-Portal tal-Ġustizzja](#)

[Il-qrati fi ħdan il-fergħa amministrattiva](#)

[Il-Ministeru għall-Ġustizzja](#)

[Il-Gvern tal-Lussemburgu](#)

---

■ L-aħħar aġġornament: 24/11/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.